MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 708/2013

**Impact (Consultancy & Developments) Limited (C3974)**

**vs**

**MK Leisure Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Impact (Consultancy & Developments) Limited, li permezz tieghu wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta' intimata kienet inkarigat lis-socjeta' rikorrenti sabiex tesegwixxi xoghlijiet ta' reklamar.

Is-socjeta' rikorrenti esegwiet diversi xoghlijiet skont l-inkarigu li kellha kif inghad.

Ghall-istess xoghlijiet, is-socjeta' rikorrenti ghandha tithallas mis-socjeta' intimata l-ammont ta' hmistax-il elf sitt mija u tmienja u disghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€15,698.33), kompriza l-VAT. Qieghed jigi anness prospett illi jiddettalja l-hlasijiet pretizi, immarkat Dokument CG1.

Is-socjeta' intimata giet imsejha permezz ta' ittra ufficjali pprezentata skont l-artikolu 166A tal-Kap. 12 biex thallas l-ammont dovut minnha lis-socjeta' rikorrenti kif spjegat. B'danakollu, bla ebda raguni valida, is-socjeta' intimata rrespingiet il-pretensjoni tas-socjeta' rikorrenti.

Talbet is-socjeta' intimata tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tikkundanna lill-istess socjeta' sabiex thallas lis-socjeta' rikorrenti l-ammont ta' hmistax-il elf sitt mija u tmienja u disghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€15,698.33), kompriza l-VAT, rapprezentanti l-valur ta' xoghlijiet ta' reklamar esegwiti kif hawn fuq spjegat.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali dekorribbli b'effett mill-14 ta' Dicembru 2012, id-data tal-ittra ufficjali pprezentata kif fuq inghad, kontra s-socjeta' intimata ngunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, is-socjeta' intimata ma ressqet ebda twegiba ghall-kawza. Lanqas ma ressqet sottomissjonijiet bil-miktub kif moghtija l-fakolta' li taghmel fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2013.

Semghet ix-xhud.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi huwa doveruz li jigi enfasizzat li in linea ta' principju, in-nuqqas ta' intimat li jressaq twegiba fil-kawza m'ghandux ifisser li qieghed jammetti t-talba. Jibqa'

essenzjalment jinkombi fuq l-attur li jipprova li t-talba tieghu hija gustifikata.

Fil-kaz in ezami, l-attur irnexxielu jipprova dak li allega sal-grad rikjest mil-ligi, dan kemm permezz tad-dokumenti konfermati bil-gurament kif ukoll bix-xhieda ta' Christopher Grima li kkonferma viva voce li l-ammont mitlub fir-rikors promotur ghadu kollu dovut.

F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti tqis li t-talba tas-socjeta' attrici hija gustifikata u jisthoqqilha li tintlaqa'.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba u tikkundanna lil MK Leisure Limited thallas lil Impact (Consultancy & Developments) Limited is-somma ta' hmistax-il elf sitt mija u tmienja u disghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€15,698.33), bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn MK Leisure Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------